MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2527/2002

**Avviz Numru 2527/02 AJD**
**G. Molton Co. Limited**

**vs**

**Stephen Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Ottubru 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u hmistax il-Lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm215.96) prezz ta' merkanzija mibjugha mis-socjeta' attrici lill-konvenut u debitament konsenjata skond ma jirrizulta mill-fatturi u mill-prospett immarkati bhala Dok. 'A' sa Dok. 'M'. Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-14 ta' Awissu 2002 u bl-imghax mid-dati tal-hrug tal-fatturi rispettivi sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

Ra n-nota prezentata mill-konvrnut fil-15 ta' Novembru 2002 fejn huwa ammetta t-talbiet attrici kif dedotti fl-Avviz.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u hmistax il-Lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm215.96) ta' bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**